TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1953

KAZ 2370

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Lawrence Silvio

u

Hire and Transport Limited

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 13 ta' Lulju 2009.

Chairman : George Borg Cardona

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Nota prezentata fir-Registru tal-Qorti fl-24 ta'Mejju 2006.

It-Tribunal zamm 9 seduti.

Lawrence Silvio, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Claudio Zammit u Hire and Transport Limited, aktar il-quddiem tissejjah il -"Kumpanija", kienet rapprezentata
minn Elio Desira assistit mill-Avukat Patrick J. Galea.

Fid-Dikjarazzjoni tal –Kaz l-appellant qal li t-tkeccija tieghu kienet ingusta ghaliex hu dejjem qeda dmiru bl-ahjar mod u hila u skond is-sengha u l-arti. Allega li l-Fleet Superintendent kien qed ikellem il-Kaptan biex jghassu bl-intenzjoni li jinstab fuqhiex jitkecca.

Il-Kumpanija qalet li t-tkeccija kienet gustifikata ghaliex l-appellant kien jagixxi b'mod mill-aktar irresponsabbli waqt ix-xoghol, kien insubordinat, ma jobdix regoli intizi ghall-ahjar gestjoni tal-bastiment u bl-agir tieghu sahansitra jipperikola l-kollegi tieghu fuq ix-xoghol.

Il-Kumpanija pproduciet evidenza li l-appellant ma kienx jaqdi sewwa d-doveri mistennija minnu u li kien jipperikola l-vapur u lill-shabu billi jpejjep fuq id-deck u dan anke waqt li jkun qed jitghabba il-fuel. Dan johrog mix-xhieda tal-Fleet Superintendent u minn rapporti li saru mill-Inspector Pierre Caruana, mill-Kaptan Mahmoud Ibrahiem, mill-Fleet Engineer Chris Bugeja u s-Safety and Security Officer Matthew Refalo.

300

Il-Performance Appraisal ta' l-appellant ghal perijodu Jannar sa Gunju 2005 kienu hziena u minn Awissu sa kemm spicca kienu hziena hafna. Fir-rapport datat 22 ta' Marzu 2006 il-Marine Consultant Paul L. Cardona nforma l-Kumpanija li kien hemm "….general lack of maintenance especially on the decks …." tal vapur fejn kien risponsabbli l-appellant u li jekk ma jkunx hemm "general upgrade" tal-kundizzjoni tal-vapur ma kienx ikun jista' johrog it-"trading certificates" meta jaslu biex jigu renovati.

Fir-rapport datat 13 ta' Mejju 2005 ic-Chief Officer tal-M/T Santa Elena qal li, waqt li l-vapur tieghu kien ma gemb dak ta' l-appellant, dan kien qed ipejjep fejn "open hatch" waqt li kien qed jitghabba l-fuel u li b'dan kien qed jipperikola l-vapur u l-hajja ta' l-ekwipagg. Qallu kemm il-darba biex ma jpejjipx izda ma kienx jobdi u meta nforma l-Kaptan u dan kellmu rema s-sigarett imma kif telaq rega' qabbad iehor. Dan juri li ma kienx josserva r-regoli tas-sigurta u kien insubordinat.

L-evidenza fit-tlett paragrafi precedenti hija kkonfermata mill-affidavits tal-Kaptani Lacatus u Mahmoud u ta' Joseph Caruana ghalkemm dawn ma xhedux quddiem it-Tribunal.

L-appellant sostna li dak li pprezentat il-Kumpanija kienet parti minn kongura biex jitkecca u pprezenta affidavits minn hames kollegi fejn qalu li kien jaghmel xogholu sewwa. Dawn ukoll ma xeghdux quddiem it-Tribunal. Dwar l-akkuza ta' tipjip l-appellant ma nnegax izda ikkontenda li qatt ma kien inghata "warning" bil-miktub dwar dan.

Wara li qies ix-xhieda kollha u kkonsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz it-Tribunal deherlu li l-affidavits tal-kollegi tal-appellant ma kienux tali li jxejnu l-evidenza li pproduciet l-Kumpanija dwar nuqqasijiet serji ta' l-appellant fid-doveri tieghu, insubordinazzjoni u nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' sigurta.

It-Tribunal ghalhekk jiddeciedi li kien hemm raguni tajba u sufficienti skond il-ligi ghat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba limitazzjoni ta' facilitajiet u differimenti mill-partijiet.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' EUR 93 (tlieta u disaghn ewro)

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
Segretarja